MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 375/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Robert Vella)**
**Vs**
**Alfred Gauci**
**Charles Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Settembru, 2007 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer,

1. bil-hsieb li jezercitaw dritt li jippretendu li ghandhom bi ksur ta' l-artikolu 85, bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu jsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghlu bl-awtorita' taghhom innfushom lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihottu bini, jew kisru l-mixi tal-ilma jew jiehdu l-ilma ghalihom jew b'xi mod iehor kontra l-ligi,

indahlu fi hwejjeg haddiehor ghad-detriment ta' l-ahwa Philip u Carmel Gauci billi qeghdin jingumbraw passagg li minnu ghandhom dritt jghaddu permezz ta' pompa ta' l-ilma li tahdem bl-elettriku u pajpijiet ta' l-istess pompa flimkien ma wires ta' l-elettriku li jinsab fl-imsemmi passagg u zewg gherrien fejn hemm l-ghajn ta' l-ilma li ghandhom dritt ghaliha;
2. bl-istess agir u ghemil taghhom bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta' ta' l-ahwa Philip u Carmel Gauci. (340 (d) Kap. 9).
3. Charles Gauci wahdu talli sar recediv u ghalhekk ghandha tigi applikata r-recediva bis-sahha tas-sentenza li permezz taghha nstab hati, deciza mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera (Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) fit-3 ta' Settembru, 2007.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 85, 340(d), 383 u 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant Charles Gauci hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mitejn Euro (€200) u sabet lill-appellant Alfred Gauci hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mitt Euro (€100).
Ordnat li l-pajp u l-wires tal-elettriku kif ukoll il-pompa msemmija jitnehhew fi zmien gimgha taht penali ta' mitejn Euro (€200) kull jum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant Alfred Gauci minnu pprezentat fis-26 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront tieghu w dan billi tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Charles Gauci minnu pprezentat fis-26 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront tieghu w dan billi tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Alfred Gauci fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-passagg li l-ahwa Carmelo u Philip Gauci qeghdin jallegaw li qed jigi ngombrat ma ghandhomx dritt jghaddu minnu ghaliex jifforma parti mill-proprjeta’ li l-appellant Alfred Gauci wiret, flimkien ma l-ghar u l-mina li hemm taht proprjeta’ ohra ta’ l-appellant minn ghandh iz-zija tieghu Maria Gauci u dan skond testment tal-11 ta’ Gunu, 1993 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela u li di piu l-passagg in kwistjoni ma jipprovdix access ghal kwalunkwe proprjeta’ jew ghalqa ta’ l-ahwa Carmelo u Philip Gauci.
Illi l-appellant ilu juza dan il-passagg ghal fuq minn tletin sena. Fil-fatt il-passagg minn fejn ghaddejjin il-wires ta’ l-elettriku tal-pompa tal-ilma qatt ma ntuza mill-ahwa Philip u Carmelo Gauci. L-ahwa Philip u Carmelo Gauci ghandhom access gahll-ghelieqi taghhom permezz ta’ passagg iehor li jifred l-ghelieqi li hemm fuq in-naha tax-xellug proprjeta’ ta’ Carmelo u Philip Gauci, minn dawk l-ghelieqi fuq il-lemin li huma proprjeta’ ta’ l-appellant. Dan il-passagg mhux qed jigi ngumbrat bl-ebda mod.

Illi lanqas huwa minnu li l-appellant ghandu dritt li juza l-ilma li gej mill-mina ghal gol-gibja darba kull ghaxart ijiem biss kif dikjarat mill-ahwa Carmelo u Philip Gauci fix-xhieda taghhom, u dan ghaliex l-istess ahwa Carmelo u Philip Gauci huma ntitolati jaghmlu uzu minn dan l-ilma darba kull ghaxart ijiem bejniethom filwaqt li huhom l-appellant Alfred Gauci ghandu dritt li juza l-ilma ghal jum iehor wahda u jum iehor flimkien ma certu Polly tonna. Is-sebat ijiem minn ghaxra li ghad fadal ghandu dritt juzah l-istess appellant peress li huwa ghandu raba mikrija lilu bi qbiela minn ghand l-ahwa Anglu, Maria u Pawlu Gauci, llum ilkoll mejtin.

Illi peress li ma hux kontestat illi l-appellanti ghandhom dritt li jaghmlu uzu ta’ l-ilma li hemm fil-gibja, l-pompa ta’ ilma ma tistax titqieghed f’post iehor li mhux dak fejn tinsab prezentament u dan ghaliex l-uniku mezz kif l-appellanti jkunu altrimenti f’posizzjoni li jsaqqu l-ghelieqi taghhom huwa li jpoggu l-pompa ta’ l-ilma fil-passagg li jintuza kemm mill-appellanti kif ukoll mill-ahwa Carmelo u

Philip Gauci sabiex jaccedu ghall-ghelieqi rispettivi taghhom mifruda mill-istess passagg, izda dan iwassal biex jigi ngumbrat l-uzu ta' l-istess passagg.

Illi ghalhekk, lanqas jikkonfiguraw l-elementi tar-ragion fattasi mill-provi kif prodotti, peress li mkien ma jirrizulta illi l-appellant kien qieghed jezercita xi dritt li jippretendi li ghandu izda kull ma ried kien li jkun jista' jutilizza l-ilma tal-gibja kif dejjem ghamel. Il-posizzjoni li fiha tinsab il-pompa ta' l-ilma w il-wires huwa l-uniku mod kif huwa jista' jaghmel dan minghajr ma jingumbra l-passagg li jwassal ghall-ghelieqi li jinsabu l-isfel mill-gibja.

Illi bir-rispett kollu, t-tnehhija tal-pompa tal-ilma in kwistjoni tippregudika b'mod eccessiv lill-appellant li b'hekk ma jkollu ebda mod biex isaqqi r-raba li ghandu fl-inhawi.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Charles Gauci fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u waslet ghal konkluzzjoni zbaljata meta waslet ghal konkluzzjoni illi x-xhieda ta' l-ahwa Carmelo u Philip Gauci hija kredibbli iktar minn dik ta' l-appellant.

Illi l-passagg li l-ahwa Carmelo u Philip Gauci qeghdin jallegaw li qed jigi ngombrat ma ghandhomx dritt jghaddu minnu ghaliex jifforma parti mill-proprjeta' li l-appellant Alfred Gauci wiret, flimkien ma l-ghar u l-mina li hemm taht proprjeta' ohra ta' l-appellant minn ghandh iz-zija tieghu Maria Gauci u dan skond testment tal-11 ta' Gunu, 1993 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela u li di piu l-passagg in kwistjoni ma jipprovdix access ghal kwalunkwe proprjeta' jew ghalqa ta' l-ahwa Carmelo u Philip Gauci.
Illi l-appellant ilu juza dan il-passagg ghal fuq minn tletin sena. Fil-fatt il-passagg minn fejn ghaddejjin il-wires ta' l-elettriku tal-pompa tal-ilma qatt ma ntuza mill-ahwa Philip u Carmelo Gauci. L-ahwa Philip u Carmelo Gauci ghandhom access gahll-ghelieqi taghhom permezz ta' passagg iehor li jifred l-ghelieqi li hemm fuq in-naha tax-xellug proprjeta' ta' Carmelo u Philip Gauci, minn dawk l-

ghelieqi fuq il-lemin li huma proprjeta’ ta’ l-appellant. Dan il-passagg mhux qed jigi ngumbrat bl-ebda mod.

Illi lanqas huwa minnu li l-appellant ghandu dritt li juza l-ilma li gej mill-mina ghal gol-gibja darba kull ghaxart ijiem biss kif dikjarat mill-ahwa Carmelo u Philip Gauci fix-xhieda taghhom, u dan ghaliex l-istess ahwa Carmelo u Philip Gauci huma ntitolati jaghmlu uzu minn dan l-ilma darba kull ghaxart ijiem bejniethom filwaqt li huhom l-appellant Alfred Gauci ghandu dritt li juza l-ilma ghal jum iehor wahda u jum iehor flimkien ma certu Polly tonna. Is-sebat ijiem minn ghaxra li ghad fadal ghandu dritt juzah l-istess appellant peress li huwa ghandu raba mikrija lilu bi qbiela minn ghand l-ahwa Anglu, Maria u Pawlu Gauci, llum ilkoll mejtin.

Illi peress li ma hux kontestat illi l-appellanti ghandhom dritt li jaghmlu uzu ta’ l-ilma li hemm fil-gibja, l-pompa ta’ ilma ma tistax titqieghed f’post iehor li mhux dak fejn tinsab prezentament u dan ghaliex l-uniku mezz kif l-appellanti jkunu altrimenti f’posizzjoni li jsaqqu l-ghelieqi taghhom huwa li jpoggu l-pompa ta’ l-ilma fil-passagg li jintuza kemm mill-appellanti kif ukoll mill-ahwa Carmelo u Philip Gauci sabiex jaccedu ghall-ghelieqi rispettivi taghhom mifruda mill-istess passagg, izda dan iwassal biex jigi ngumbrat l-uzu ta’ l-istess passagg.

Illi ghalhekk, lanqas jikkonfiguraw l-elementi tar-ragion fattasi mill-provi kif prodotti, peress li mkien ma jirrizulta illi l-appellant kien qieghed jezercita xi dritt li jippretendi li ghandu izda kull ma ried kien li jkun jista’ jutilizza l-ilma tal-gibja kif dejjem ghamel. Il-posizzjoni li fiha tinsab il-pompa ta’ l-ilma w il-wires huwa l-uniku mod kif huwa jista’ jaghmel dan minghajr ma jingumbra l-passagg li jwassal ghall-ghelieqi li jinsabu l-isfel mill-gibja.

Illi bir-rispett kollu, t-tnehhija tal-pompa tal-ilma in kwistjoni tippregudika b’mod eccessiv lill-appellant li b’hekk ma jkollu ebda mod biex isaqqi r-raba li ghandu fl-inhawi.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellanti w l-appellati ghandhom raba in komuni fil-limiti tal-Imtarfa. Din ir-raba darba kienet ta' propjeta' wiehed u matul iz-zmien saru diversi arrangamenti, hekk kif bdew jizdiedu fil-familja, sabiex kulhadd ikun jista' jgawdi minn din ir-raba minghajr tfixkil lil haddiehor.

Il-parti civili, Philip Gauci w Carmel Gauci wirtu liz-zija taghhom xi sitta jew seba' snin ilu. F'dan il-wirt kien hemm gibjun kif ukoll id-dritt tat-thehhid tal-ilma minnu kull tmint ijiem, b'jumejn ohra li kellhom jinqasmu bejn l-appellanti w terzi.

Fl-20 ta' Settembru 2007 Philip u Carmel Gauci marru biex jiehdu l-ilma mill-gibjun taghhom u sabu l-passagg li jaghti ghall-gibja ostakolat bil-pajpijiet u wires tal-elettriku li kienu jwasslu ghall-pompa illi jqeghdu l-appellanti sabiex ikunu jistghu jiehdu ilma mill-gibjun meta jridu, bi ksur u b'zieda tad-dritt taghhom illi jiehdu ilma gurnata kull ghaxart ijiem.

Il-passagg kien wiehed bir-rigel, izda l-parti civili setghu jghaddu bil-pompa tal-mutur bir-roti.

L-appellanti wiegbu illi kien hemm passagg iehor illi setghu juzaw il-parti civili w mhux bil-fors minn hemm, izda Carmel Gauci spjega illi l-passagg l-iehor ghandu t-tarag u ma tistax tghaddi bil-mutur u ghalhekk l-uniku access li kien hemm ghall-gibjun kien dak illi ghalqu l-appellanti permezz tal-pajpijiet u wires tal-elettriku.

Minn naha taghhom l-appellanti, kif spjega l-appellant Charles Gauci, jghidu illi kienu ilhom fir-raba zmien twil. Qabel kien hemm kanali tal-gebel illi nehhewhom u ghamlu l-pajpijiet. Kien dritt taghhom illi jaghmlu hekk.

Ghall-habta ta' Gunju ta' kull sena, l-parti civili kienu jigu ghandhom u jitolbu gurnata sabiex ikunu jistghu jtellghu l-ilma. F'dik is-sena 2007 bdew jaghmlu hekk fit-8 ta' Gunju.

Fl-20 ta’ Settembru 2007 ma ghamlu xejn gdid. Il-pajpijiet kienu ilhom hemm xi hdax il-sena. Jekk il-parti civili riedu jtellghu l-ilma setghu jaghmlu hekk mill-passagg l-iehor illi kien komuni w mhux fejn kien hemm il-pajpijiet.

Kienet il-parti civili illi ppruvaw jiehdu r-raba w qatt ma uzaw il-passagg qabel. Pressat biex jipprova t-titolu tieghu l-appellant Charles Gauci qal illi dokumenti ma hemm xejn.

Ikkunsidrat :

Illi fid-dawl tas-suespost jidher ovvju illi dina hija sitwazzjoni tipika ta’ familja illi tinqasam f’diversi frazzjonijiet dwar l-uzu tar-raba specjalment il-facilita’ tat-thehhid tal-ilma, li ghar-raba tiswa mitqla deheb, u mhux l-ewwel darba illi jkun hemm kwistjonijiet bejn l-istess familja dwar min ghandu d-dritt jtellgha l-ilma, f’liema zmien u fejn.

Hawnhekk jidher li hemm kontestazzjoni qawwija bejn l-appellanti w il-parti civili illi jigu minn xulxin, dwar id-dritt ta’ thehhid ta’ ilma w l-uzu ta’ passagg illi jaghti ghall-gibja.

Il-Qorti semghet dak illi kellhom jghidu l-partijiet, l-appellanti w il-parti civili w thoss bhal ma hasset ukoll l-Ewwel Qorti illi x-xhieda moghtija mill-parti civili w cioe’ Philip Gauci w Carmel Gauci illi hija aktar attendibbli minn dik moghtija mill-appellant Charles Gauci.

Il-Qorti hija sodisfatta illi l-gibja hija proprjeta’ tal-parti civili w li hemm passagg li jaghti ghalih li kellu jithalla liberu ghall-uzu bir-rigel u mutur bir-roti sabiex titwassal pompa w jittiehed l-ilma mill-gibjun.

Fl-20 ta’ Settembru 2007 dan il-passagg gie ostakolat mill-appellant Charles Gauci illi ppretenda d-drittijiet fuq il-gibjun u konsegwentement fuq il-passagg illi jaghti ghalih. Jekk l-appellant Charles Gauci ghandu xi drittijiet x’jipprotegi jew inkella jikkontesta d-drittijiet illi ghandhom il-parti civili, dan imissu ghamlu fil-Qorti apposta w mhux

jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh. Ghalhekk huwa importanti li f'dan l-istadju l-Qorti tispjega l-elementi kostitwivi, l-elementi tar-reat tar-*ragion fattasi,* w tara jekk dawn jinkwadrawx fl-operat tal-appellanti Alfred Gauci u Charles Gauci.

Ikkunsidrat :

L-elementi kostitwivi tar-reat ta' *ragion fattasi* huma, kif diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna erba' w cioe'

1. att estern li jispolja lil xi haddiehor minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;
2. il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
3. il-koxjenza fl-agent illi hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak illi jmissu jsir permezz ta' l-Awtorita' pubblika (jew fi kliem il-Crivellari *"il Codice penale per il Regno d'Italia interpretato"* Vol. VI page 749 "la persuasione di fare da se c'io che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato");
4. in-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi (ara fost diversi sentenzi Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia App. Krim. 14.12.1957 Vol. XLI part IV page 1506, Il-Pulizija vs Carmel Charles Farrugia App. Krim. 17.02.1995 kif ukoll il-Pulizija vs Reno Micallef App. Krim. 06.06.1995).

B'applikazzjoni tax-xhieda ghall-elementi fuq imsemmija nsibu illi l-appellanti spoljaw lill-parti civili minn passagg illi kienu qeghdin igawdu kontra l-oppozizzjoni tal-istess parti civili. L-appellanti ghamlu dan l-att ghax ippretendu illi kelhom dritt jaghmlu hekk u jikkontestaw it-titolu tal-parti civili ghal proprjeta' tal-gibjun u l-uzu tieghu.

L-appellanti kienu jafu illi huma kienu misshom adexxew il-Qorti f'dawn il-kwistjonijiet u mhux jiehdu l-ligi b'idejhom kif fil-fatt ghamlu.

Jidher li hemm diversi kwistjonijiet bejn l-appellanti u l-parti civili fejn ukoll iddahhlu l-Avukati w kienu hemm ukoll kawzi ohra. Kwindi l-appellanti jafu ben tajjeb liema triq ghandhom jiehdu biex jipprotegu d-drittijiet illi jahsbu li

ghandhom. Fl-ahharnett ma hemmx reati ohra aktar gravi x'jigu kunsidrati f'dan il-kaz oltre dak illi l-appellanti hadu l-ligi b'idejhom.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-agir tal-appellanti jinkwadra fis-shih fl-elementi kostitwivi tar-reat tar-*ragion fattasi* w l-Ewwel Qorti kellha ragun illi tasal ghall-konkluzzjoni illi sibhom hatjin.

Issa hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha (ara Pulizija vs Carmelo Schembri 28.04.1995).

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------